MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2012

Citazzjoni Numru. 282/1977/2

Peter **CASSAR TORREGGIANI**, Dottor Joseph Apap Bologna u Edgar Montanaro Gauċi bħala diretturi u in rappreżentanza tas-soċjeta' NBM Investments Limited

vs

Onorevoli Dominic **MINTOFF**, fil-kwalita' tiegħu ta' Prim Ministru ta' Malta, Onorevoli Dottor Joseph Abela, fil-kwalita' tiegħu ta' Ministru tal-Finanzi u Dwana u Maurice Abela, Denis Degiorgio u Antonio Tagliaferro personalment u bħala komponenti tal-Kunsill ta' Amministrazzjoni mwaqqaf bis-saħħa ta' l-Att XLV ta' l-1973; u b'Nota tat-13 ta' Frar, 1980, l-Onorevoli Dottor Joseph Cassar assuma l-atti tal-kawża minflok l-Onorevoli Dottor Joseph Abela; u b'Nota tad-29 ta' Frar, 1988, il-Prim'Ministru u Ministru tal-Finanzi assumew l-atti tal-kawża minflok l-Onor. Dom Mintoff u l-Onor. Joseph Abela

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fis-16 ta' Settembru, 1976, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-atturi fil-kwalita' tagħhom imsemmija, talbu li l-Qorti (i) ssib li t-trasferimenti magħmulin bejn Frar u Marzu tal-1974 minn Maria Colombos, Alice von Brockdorff u Violet Calleja Gera tal-ishma tagħhom 1275, 2336, 1620 u 4268 fis-soċjeta' *National Bank of Malta Limited* favur il-Gvern ta' Malta "*without consideration*" huma nulli u bla effett għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi għaliex milquta minn vizzju tal-kunsens tagħhom, għaliex mingħajr kawża, għaliex ma ġewx debitament bollati kif trid il-liġi, u għaliex ma sarux b'kuntratt pubbliku. Talbu wkoll l-ispejjeż u żammew sħaħ il-jeddijiet tagħhom għal kull azzjoni kompetenti lilhom kontra l-imħarrkin;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-imħarrkin fit-28 ta' Ottubru, 1976, li biha laqgħu għall-azzjoni attriċi billi, preliminarjament, qalu li l-Qorti ma kellhiex il-kompetenza li tisma' l-kawża *ratione materiae* ladarba l-każ jirrigwarda trasferiment ta' ishma f'soċjeta' kummerċjali. Fil-mertu, laqgħu billi qalu li t-talba attriċi m'hijiex mistħoqqa mhux biss għaliex it-trasferiment tal-ishma sar tajjeb u bil-kunsens tal-azzjonisti meta l-istess ishma ma kellhom l-ebda valur, iżda talli l-eċċipjenti ma kellhom l-ebda sehem fl-imsemmi trasferiment li effettivament sar fuq inizjattiva tad-diretturi li kellu l-bank u bl-għajnuna tal-uffiċjali tal-bank imqabbdin mill-istess diretturi. Żiedu jgħidu li l-kitbiet ta' trasferiment kienu bollati u li t-trasferiment tal-ishma favur il-Gvern sar skond id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 11(3) tal-Att XLV tal-1973 u kien approvat mill-Kunsill ta' Amministrazzjoni tal-istess bank;

Rat is-sentenza mogħtija fil-25 ta' Novembru, 1976[1], li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, din il-Qorti (diversament presjeduta) laqgħet l-ewwel eċċezzjoni

[1] Paġġ. 14 sa 21 tal-proċess

preliminari u sabet li l-kawża kienet ta’ kompetenza tal-Qorti tal-Kummerċ;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-4 ta’ Frar, 1977[2], li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, iddeċidiet b’mod definittiv li l-Qorti tal-Kummerċ kienet il-Qorti kompetenti biex tisma’ l-kawża;

Rat in-Nota ta’ astensjoni tal-15 ta’ Mejju, 1978[3];

Rat in-Nota mressqa mill-imħarrkin fis-17 ta’ Ottubru, 1978[4], b’kopja tal-kitbiet tat-trasferiment tal-ishma mertu tal-kawża;

Rat ix-xhieda mressqa mill-partijiet;

Rat id-degriet tagħha tad-29 ta’ Ġunju, 1981[5], li bih ħatret lill-Avukat Joseph Refalo bħala Mħallef supplenti sabiex jisma’ x-xhieda ta’ Louis Vella, liema degriet kien imħassar b’ieħor tas-7 ta’ Mejju, 1982;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tas-17 ta’ Jannar, 1986[6], li bih ħatret lill-Avukat Patrick Vella bħala Assistent ġudizzjarju biex jiġbor ix-xhieda tal-partijiet, liema ħatra nbidlet b’degriet ieħor tal-10 ta’ Ġunju, 1988[7], li bih inħatar bħala Assitent Ġudizzjarju sostitut l-avukat Paul Caruana Curran;

Rat ix-xhieda miġbura mill-imsemmi Assitent Ġudizzjarju;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tat-28 ta’ Ottubru, 1991[8], li bih u fuq talba magħmula mill-atturi b’rikors tagħhom tl-24 ta’ Ottubru, 1990, ħatret lil Joseph Żammit Tabona bħala perit komputista[9];

---

[2] Paġġ. 24 sa 31 tal-proċess
[3] Paġ. 40 tal-proċess
[4] Paġġ. 42 – 6 tal-proċess
[5] Paġ. 107 tal-proċess
[6] Paġ. 139 tal-proċess
[7] Paġ. 172 tal-proċess
[8] Paġ. 223 tal-proċess
[9] B’rikors imressaq fl-24.3.1995, l-atturi talbu li l-Qorti tibdel lill-imsemmi perit komputista minħabba possibilita’ ta’ konflitt ta’ interess, iżda baqgħet ma ipprovdietx dwar dik it-talba

Rat in-Nota spjegattiva mressqa mill-atturi fit-30 ta' April, 1992[10], dwar il-ħtieġa tad-dokumenti li huma talbu li jiddaħħlu fl-atti tal-kawża;

Rat in-Nota ta' Astensjoni mressqa mill-Onorevoli Imħallef Albert Manche' fis-26 ta' Ġunju, 1992[11];

Rat in-Nota ta' Astensjoni mressqa mill-Onorevoli Imħallef Joseph A. Filletti[12];

Rat in-Nota ta' Astensjoni mressqa mill-Onorevoli Imħallef Joseph D. Camilleri fis-7 ta' Lulju, 1992[13];

Rat id-degriet tat-13 ta' Ottubru, 1992[14], li bih il-kawża kienet assenjata biex tkompli tinstema' mill-Onorevoli Mħallef Anton Depasquale wara l-astensjoni tal-imesmmija mħallfin;

Rat in-Nota ta' Astensjoni mressqa mill-Onorevoli Mħallef Giannino Caruana Demajo fid-19 ta' Jannar, 1995[15];

Rat il-verbali tas-smigħ bejn id-29 ta' Mejju, 1996 u s-16 ta' April, 2003, li fihom il-kawża kienet qiegħda tistenna l-eżitu ta' kawża kostituzzjonali dwar mertu li jolqot il-kwestjoni fil-kawża tal-lum;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tat-23 ta' Ġunju, 2003[16], li bih l-imħallef sedenti astjena milli jkompli jisma' l-kawża biex terġa' titqiegħed ma' u tistenna l-eżitu tal-imsemmija kawża kostituzzjonali;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tas-26 ta' Ġunju, 2003[17], li bih l-imħallef sedenti ordna li l-proċess jintbagħat lura mill-ġdid għand l-imħallef li kien astjena milli jkompli jisma' l-kawża fid-degriet mogħti fil-jiem ta' qabel;

[10] Paġġ. 228 – 230 tal-proċess
[11] Paġ. 237 tal-proċess
[12] Paġ. 238 tal-proċess
[13] Paġ. 239 tal-proċess
[14] Paġ. 240 tal-proċess
[15] Paġ. 253 tal-proċess
[16] Paġ. 547 tal-proċess
[17] Paġ. 548 tal-proċess

Rat in-Nota ta’ Astensjoni mressqa mill-Onorevoli Mħallef Philip Sciberras fis-7 ta’ Lulju, 2003[18];

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tat-2 ta’ Diċembru, 2003[19], li bih ordnat li jinġiebu quddiemha l-atti taż-żewġ Rikorsi Kostituzzjonali numri 389/92 u 390/92 biex jinstemgħu flimkien ma’ din il-kawża;

Rat in-Nota ta’ Astensjoni mressqa mill-Onorevoli Mħallef Gino Camilleri fl-10 ta’ Marzu, 2006[20];

Rat li din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif issa presjedut f’Marzu tal-2006;

Rat il-verbal tas-smigħ tas-17 ta’ Ottubru, 2006[21], li bih l-avukati difensuri tal-partijiet qablu li din il-kawża tistenna l-eżitu tal-kawża Kostituzzjonali numru 390/92;

Rat il-verbali tas-smigħ bejn is-16 ta’ Jannar, 2007 u l-21 ta’ Ottubru, 2009, li fihom il-kawża kienet titħalla tistenna l-eżitu tal-imsemmija kawża kostituzzjonali;

Rat in-Nota ta’ Sottomissjonijiet imressqa mill-atturi fit-30 ta’ Novembru, 2009[22];

Rat in-Nota ta’ Sottomissjonjiet imressqa mill-imħarrkin fid-29 ta’ April, 2010[23];

Rat id-degriet tagħha tas-27 ta’ Mejju, 2010[24], li bih laqgħet talba magħmula mill-imħarrkin b’rikors tagħhom tad-29 ta’ April, 2010 (u mhux oppost mill-atturi) biex jitħallew iressqu Eċċezzjoni Ulterjuri tal-preskrizzjoni tal-azzjoni attriċi;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet Ulterjuri mressqa mill-imħarrkin fl-4 ta’ Ġunju, 2010, li biha huma qalu li l-azzjoni

[18] Paġ.. 550 tal-proċess
[19] Paġ. 553 tal-proċess
[20] Paġ. 561 tal-proċess
[21] Paġ. 566 tal-proċess
[22] Paġġ. 583 sa 650 tal-proċess
[23] Paġġ. 653 sa 675 tal-proċess
[24] Paġ. 679B tal-proċess

attriċi għar-rexissjoni tat-trasferimenti waqgħet billi kien laħaq għalaq iż-żmien mogħti mil-liġi għal azzjoni bħal din skond l-artikoli 1222 u 1223 tal-Kodiċi Ċivili;

Rat in-Nota ta' Replika mressqa mill-atturi fis-7 ta' Lulju, 2010[25];

Rat in-Nota ta' Replika mressqa mill-imħarrkin fit-22 ta' Lulju, 2010[26];

Semgħet il-provi mressqa mill-atturi dwar l-eċċezzjoni ulterjuri mqajma mill-imħarrkin;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tl-partijiet dwar l-eċċezzjoni ulterjuri tal-preskrizzjoni;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza dwar l-eċċezzjoni ulterjuri tal-preskrizzjoni;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għat-tħassir ta' kitbiet ta' trasferiment ta' ishma li saru minn xi azzjonisti tan-*National Bank of Malta* bejn Frar u Marzu tal-1974 bla ħlas, u dan għaliex milquta minn vizzju tal-kunsens, għaliex saru mingħajr ma tħallas korrispettiv, għaliex ma kenux debitament bollati u għaliex ma sarux b'att pubbliku. L-azzjoni tressqet minn kumpannija li xtrat id-drittijiet litiġjużi tal-imsemmija azzjonisti;

Illi għal din l-azzjoni l-imħarrkin laqgħu billi qalu, b'mod preliminari, li l-Qorti ma kenitx kompetenti *ratione materiae* biex tisma' l-kawża billi l-kawża tirrigwarda t-trasferiment ta' ishma, liema att jikkostitwixxi att ta' kummerċ. Fil-mertu laqgħu billi qalu li t-talba attriċi m'hijiex mistħoqqa mhux biss għaliex it-trasferiment tal-ishma sar tajjeb u bil-kunsens tal-azzjonisti meta l-istess ishma ma kellhom l-ebda valur, iżda talli l-eċċipjenti ma

[25] Paġġ. 684 sa 707 tal-proċess
[26] Paġġ. 709 sa 716 tal-proċess

kellhom l-ebda sehem fl-imsemmi trasferiment li effettivament sar fuq inizjattiva tad-diretturi li kellu l-bank u bl-għajnuna tal-uffiċjali tal-bank imqabbdin mill-istess diretturi. Żiedu jgħidu li l-kitbiet ta' trasferiment kienu bollati u li t-trasferiment tal-ishma favur il-Gvern sar skond id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 11(3) tal-Att XLV tal-1973 u kien approvat mill-Kunsill ta' Amministrazzjoni tal-istess bank;

Illi l-eċċezzjoni dwar liema Qorti messha tisma' l-każ inqatgħet b'mod definittiv bis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-4 ta' Frar, 1977, billi laqgħet l-imsemmija eċċezzjoni u qalet li l-kawża kellha tinstema' mill-Qorti tal-Kummerċ;

Illi fl-4 ta' Ġunju, 2010, l-imħarrkin ressqu l-eċċezzjoni ulterjuri li l-azzjoni tal-kumpannija attriċi waqgħet bil-preskrizzjoni tas-sentejn skond l-artikoli 1222 u 1223 tal-Kodiċi Ċivili;

Illi din is-sentenza qiegħda tiddeċiedi din l-imsemmija eċċezzjoni ulterjuri;

Illi mill-<u>fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża</u> jirriżulta li bejn it-3 ta' Jannar, 1974 u l-5 ta' Jannar, 1974, Maria Colombos, Violet Calleja (Gera), Alice von Brockdorff, u Ida von Brockdorff (flimkien ma' Eileen u Joseph Benċini), li lkoll kienu azzjonisti fin-*National Bank of Malta Limited* (aktar 'il quddiem imsejjaħ "il-Bank"), iffirmaw dokumenti biex jittrasferixxu l-ishma li huma kellhom fil-Bank lill-Gvern ta' Malta, rappreżentat fuq kull waħda mill-imsemmija kitbiet minn Ronald Chalmers[27]. Fl-ebda wieħed minn dawn it-trasferimenti ma sar ħlas lil min kien qed jittrasferixxi l-ishma. Fil-każ tal-kitba ta' Ida von Brockdorff u l-miżżewġin Benċini, tniżżel in-notament li "*This transfer covers only fifty percent of the abovementioned shares, that is 25% (twenty five per cent) belongs to Mrs Ida Brockdorff and 25% twenty five per cent) belonging to Mrs Eileen Benċini as the other 25 % belong to ... and the remaining 25% will eventually be inherited by another*

[27] Dokti "E" sa "Ħ", f'paġġ. 43 – 6 tal-proċess

*person. This transfer is being effected on the understanding that such a transfer to Government is absolutely essential and indispensable for the Bank to continue to operate*";

Illi b'ittra uffiċjali mressqa fis-17 ta' Diċembru, 1975[28], l-imsemmija Calleja Gera, von Brockdorff u Colombos (flimkien ma' bosta oħra mill-azzjonisti li kienu ttrasferew l-ishma tagħhom fil-Bank) interpellaw lill-imħarrkin biex "jirripristinaw li stat ta fatt esistenti qabel ma saru l-imsemmija trasferimenti invalidi bir-restituzzjoni lill-mittenti tax-*shares*, bid-drittijiet kollha tagħhom";

Illi xi ftit taż-żmien wara, twaqqfet il-kumpannija attriċi (aktar 'il quddiem imsejħa "NBMI"). Permezz ta' kitbiet li saru f'Ġunju tal-1976[29], Violet Calleja Gera, Ida von Brockdorff, Maria Colombos u Alice von Brockdorff, assenjaw il-jeddijiet litiġjużi (jiġifieri t-talba tagħhom u l-jedd ta' azzjoni biex jitolbu t-tħassir tat-trasferiment li huma għamlu tal-ishma li kellhom fil-Bank lill-Gvern ta' Malta) rispettivi tagħhom lil NBMI. Din l-assenjazzjoni saret għall-konsiderazzjoni ta' mitt (100) sehem ordinarju fl-istess NBMI għal kull sehem ordinarju li ċ-ċedenti kellhom fil-Bank qabel ma assenjawhom lill-Gvern f'Jannar tal-1974;

Illi b'ittra uffiċjali mressqa fit-18 ta' Awissu, 1976[30], kontra l-imħarrkin, NBMI irriferiet għall-ittra uffiċjali li ntbagħtet mill-istess azzjonisti f'Diċembru tas-sena ta' qabel u tenniet l-istess talbiet;

Illi din il-kawża nfetħet fis-16 ta' Settembru tal-1976;

Illi għal dak li jirrigwarda l-<u>konsiderazzjonijiet ta' natura legali marbutin mal-eċċezzjoni taħt eżami</u>, tajjeb li jingħad li din il-kawża hija waħda ta' natura "ordinarja" li, għal tul ta' żmien, kienet qiegħda timxi ma' żewġ kawżi oħrajn dwar ilmenti ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali marbuta mal-istess episodji tat-trasferiment tal-ishma, f'liema

[28] Dok "EAM1", f'paġ. 767 tal-proċess
[29] Dokti "A" sa "D", f'paġġ. 5 – 8 tal-proċess
[30] Dok "EAM2", f'paġ. 772 tal-proċess

għamla ta' azzjoni l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ma ssibx post. Huwa, għalhekk, minħabba n-natura "ordinarja" ta' din il-kawża li din il-Qorti qiegħda tagħti s-sentenza dwar is-siwi tal-eċċezzjoni ulterjuri tal-preskrizzjoni mqajma mill-imħarrkin madwar tlieta u tletin sena wara li kienet tressqet in-Nota tal-Eċċezzjoni oriġinali tagħhom;

Illi l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni hija waħda perentorja tal-mertu u tista' titqajjem f'kull waqt tal-kawża, imqar fi stadju tal-appell[31], iżda ma tistax titqajjem mill-Qorti *ex ufficio*[32]. Il-liġi[33] trid ukoll li eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tkun deċiża b'kap għaliha, kemm jekk f'sentenza għaliha jew flimkien mas-sentenza fil-mertu. F'dan il-każ ġara li, wara li kien ingħalaq l-istadju tal-provi f'din il-kawża u kif ukoll fil-kawżi li magħhom din il-kawża kienet miexja, kif fuq ingħad, l-imħarrkin talbu biex jitħallew iressqu l-eċċezzjoni ulterjuri tal-lum. Din il-Qorti, b'ħarsien tar-regoli li għadhom kemm issemmew laqgħet it-talba tagħhom. Dan ġab miegħu ukoll l-effett li NBMI talbet u ngħatat il-fakulta' li tressaq provi biex twaqqa' l-imsemmija eċċezzjoni;

Illi l-azzjoni attriċi ta' NBMI hija waħda ta' rexxissjoni. Hija tinbena fuq erba' (4) ċirkostanzi. Dawn huma (i) vizzju tal-kunsens, (ii) mingħajr kawża (jiġifieri bla ma kien hemm ħlas jew konsiderazzjoni għat-trasferiment magħmul), (iii) nuqqas ta' bollar tal-kitbiet, u (iv) li l-imsemmija trasferimenti ma sarux b'att pubbliku. Min-naħa tagħhom, l-imħarrkin jibnu l-eċċezzjoni ulterjuri tagħhom fuq l-artikolu 1222 tal-Kodiċi Ċivili moqri flimkien mal-artikolu 1223 tal-istess Kodiċi;

Illi l-artikolu 1222 jipprovdi li "*(1) Meta l-liġi f'xi każ partikolari ma tistabilixxix żmien aqsar, l-azzjoni għal rexxissjoni minħabba vjolenza, żball, għemil doluż, stat ta' interdizzjoni, jew nuqqas ta' eta', taqa' bil-preskrizzjoni egħluq sentejn. (2) Dan jgħodd ukoll għar-rexxissjoni ta' obbligazzjonijiet mingħajr kawża, jew magħmulin fuq kawża falza*". L-artikolu 1223 jgħid li "*(1) Iż-żmien tal-preskrizzjoni hawn fuq imsemmi jibda jgħodd biss, fil-każ*

[31] Art. 2112 tal-Kap 16
[32] Art. 2111 tal-Kap 16
[33] Art. 730 tal-Kap 12

*ta' vjolenza, minn dak inhar li l-vjolenza tispiċċa, u, fil-każ ta' żball, ta' egħmil doluż, jew ta' kawża falza, minn dak inhar li jinkixef id-difett. (2) Fil-każ ta' obbligazzjoni mingħajr kawża, iż-żmien jibda jgħodd minn dak inhar tal-kuntratti*";

Illi minkejja li xi kittieba jqisu li ż-żminijiet li fihom jmissha tinbeda azzjoni ta' rexxissjoni huma żminijiet ta' dekadenza, jidher li t-tifsira li ngħatat għaż-żmien imsemmi fl-artikolu 1222 hija li dak huwa żmien ta' preskrizzjoni[34]. Għalhekk, bħal f'kull każ ta' żmien preskrittiv, dak iż-żmien jista' jkun sospiż[35] jew jitwaqqaf[36] fiċ-ċirkostanzi msemmija mil-liġi u bil-modi hemm maħsuba[37]. Madankollu, il-preskrizzjoni maħsuba fl-artikolu 1222 hija waħda estintiva;

Illi safejn l-azzjoni attriċi tinbena fuq il-kawżali tan-nuqqas ta' konsiderazzjoni, iż-żmien tas-sentejn imsemmi fl-artikolu 1222 jrid jibda jitqies minn dak inhar li saru l-kitbiet, jiġifieri b'seħħ mit-3 u l-5 ta' Jannar, 1994, rispettivament. Fil-każ tal-kawżali tal-vizzju tal-kunsens, l-atturi jidher li, mix-xhieda mressqa matul biċċa l-kbira miż-żmien li fih kienet qiegħda tinstema' l-kawża, jalludu għall-vjolenza mnissla minn theddid u biżgħa[38]. Fil-każ ta' kawżali bħal din, iż-żmien tal-preskrizzjoni maħsub fl-artikolu 1222 jibda għaddej biss minn dak inhar li tintemm il-vjolenza jew theddid. Minħabba f'hekk, l-atturi irribattew għall-eċċezzjoni billi ressqu xhud li qalu li t-theddid mhux talli ma ntemmx qabel ma saret il-kawża, imma talli baqa' sejjer għal bosta snin wara li l-kawża kienet tressqet. Għalhekk, skond NBMI, iż-żmien preskrittiv ma beda għaddej qatt sakemm damet titwettaq dik il-vjolenza fuq dawk li kellhom iċedu l-ishma tagħhom fil-Bank;

Illi, min-naħa tagħhom, l-imħarrkin jisħqu li, hekk kif l-azzjonisti Calleja Gera, Colombos u von Brockdorff assenjaw l-ishma tagħhom, intemmet il-preżunta vjolenza u ma kienx hemm xejn x'iżommhom milli jibdew il-kawża fi

---

[34] App. Kumm. **6.12.1935** fil-kawża fl-ismijiet ***Aquilina vs Gasan et*** (Kollez. Vol: **XXIX.i.1305**)
[35] Artt. 2123 sa 2125 tal-Kap 16
[36] Artt. 2127 *et seq*, b'mod partikolari l-artt. 2128 u 2129 tal-Kap 16
[37] P.A. **28.11.1957** fil-kawża fl-ismijiet ***Tabone vs Tabone et*** (Kollez. Vol: **XLI.ii.1173**)
[38] Art. 997 tal-Kap 16

żmienha. Minbarra dan, l-interpellazzjoni ġudizzjarja waħdanija li saret fiż-żmien tas-sentejn[39] minn dak inhar li kienu iffirmati l-kitbiet tat-trasferiment tal-ishma, ma saritx minn NBMI u għalhekk ma setax kellha l-effett li żżomm iż-żmien preskrittiv li kien għaddej kontra l-kumpannija attriċi. Min-naħa l-oħra, meta NBMI ressqet l-ittra uffiċjali tagħha f'Awissu tal-1976, is-sentejn kienu għaddew qabel ma tressaq dak l-att;

Illi l-Qorti tqis li għandha tibda mill-konsiderazzjoni ewlenija li l-kawża nbdiet minn NBMI li hija korp b'personalita' ġuridika differenti mill-azzjonisti li ħalquha. Ma nbdietx mill-azzjonisti li f'isimhom saret il-kawża. Dan ifisser li ċ-ċirkostanzi partikolari personali li setgħu kienu jgħinu lill-azzjonisti dwar meta ż-żmien preskrittiv tal-azzjoni rexxissorja kien jibda għaddej kontra tagħhom ma "jintirtux" ukoll mill-kumpannija attriċi. Fil-fehma tal-Qorti, il-qagħda personali tal-azzjonisti li setgħu kienu suġġetti għall-biżgħa minħabba vjolenza jew theddid dwar x'sata' jiġri minn ħwejjiġhom jew mill-inkolumita' tagħhom jekk jagħżlu li ma jiffirmawx l-assenjazzjoni tal-ishma tagħhom fil-Bank ma kenitx "trasferibbli" lil NBMI, minkejja li din kisbet il-jeddijiet litiġjużi ta' wħud mill-istess azzjonisti. Għalhekk, NBMI ma tistax tipprova xxejjen l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni mqajma kontra tagħha mill-imħarrkin billi toqgħod fuq ix-xhieda tal-azzjonisti li kienu għal żmien twil ibatu l-effetti tal-vjolenza jew it-theddid li setgħu ntużaw kontra tagħhom mill-istess imħarrkin jew min minnhom u tagħmel dawk iċ-ċirkostanzi bħala ċirkostanzi tagħha wkoll. Iċ-ċirkostanzi li għaddew u jista' jkun għadhom iġarrbu llum ma jservux lil NBMI biex tassumi li, hija wkoll, f'xi żmien kienet jew għadha ġġarrab dak li għaddew minnu l-azzjonisti[40];

Illi t-tieni konsiderazzjoni legali hi li l-ittra uffiċjali mibgħuta lill-imħarrkin f'Diċembru tal-1975 kellha l-effikaċja li twaqqaf iż-żmien tal-preskrizzjoni (ukoll jekk sata' kien hemm favur il-mittenti ċ-ċirkostanza maħsuba fl-artikolu 1223(1) tal-Kodiċi) b'mod oġġettiv. Għalhekk dak iż-żmien reġa' beda għaddej minn dak inhar tan-notifika. Il-

[39] Dik tas-17 ta' Diċembru, 1975 mill-azzjonisti
[40] Ara artt. 2122(d) u 2137 tal-Kap 16

kitbiet li saru f'Ġunju tal-1976 favur NBMI li bis-saħħa tagħhom saret ċessjonarja tal-jeddijiet litiġjużi tal-erba' (4) azzjonisti (u għalhekk twieled il-jedd tagħha li tibda l-proċeduri tal-lum) kienu jikkostitwixxu ċessjoni ta' kreditu, li fih kien hemm maqbul kemm il-jedd ċedut u kif ukoll il-konsiderazzjoni mħallsa miċ-ċessjonarju liċ-ċedent[41]. B'żieda ma' dan, dawk iċ-ċessjonijiet kienu espressament jirreferu għall-jedd li ċ-ċessjonarju (NBMI) jeżerċita l-azzjoni ta' rexxissjoni[42]. Għalhekk, fil-fehma tal-Qorti, meta saret iċ-ċessjoni, ż-żmien preskrittiv tal-azzjoni tar-rexxissjoni kien għadu ma għalaqx u minbarra l-ittra uffiċjali l-oħra li bagħtet NBMI f'Awissu tal-1976, lanqas ma kien għalaq iż-żmien tas-sentejn meta NBMI fetħet il-kawża;

Illi għalhekk, ma ntweriex li l-imħarrkin kellhom raġuni jgħidu li l-azzjoni attriċi waqgħet biż-żmien preskrittiv imsemmi fl-artikolu 1222 tal-Kodiċi Ċivili billi l-fatti, lil hinn mill-konsiderazzjonijiet dwar iċ-ċirkostanzi personali taċ-ċedenti, juru li tħarsu kif imiss iż-żminijiet mitluba mil-liġi biex tressqet il-kawża. L-eċċezzjoni ulterjuri, għalhekk, m'hijiex tajba u mhix sejra tintlaqa';

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad l-eċċezzjoni ulterjuri** tal-imħarrkin billi la hija mistħoqqa fil-fatt u lanqas fid-dritt u ssib li l-azzjoni attriċi saret f'waqtha u fiż-żmien li tagħti l-liġi;

**Tordna** li l-kawża titħalla għat-trattazzjoni ulterjuri tal-għeluq għas-smigħ ta' nhar il-Ħamis 6 ta' Diċembru, 2012, fl-10.00 a.m.; u

**Tikkundanna** lill-imħarrkin iħallsu **l-ispejjeż** marbuta ma' din is-sentenza**.**

[41] Art. 1469 tal-Kap 16
[42] Art. 1475 tal-Kap 16

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------